Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

30 ta' April, 2009

## ATT Nru VI ta' l-2009

*ATT li jemenda l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368).*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2009 li jemenda l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 368.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2009.

**2.** It-titolu twil ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tat-titolu twil ta' l-Att prinċpali.

"Biex jipprovdi għar-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' vetturi bil-mutur f'Malta".

**3.** L-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

"**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Awtorità" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport" tfisser il-Bord ta' Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf taħt l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"ċertifikat" tfisser iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14;

"ċertifikat ta' konformità" tfisser ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur ta' vettura bil-mutur skond kull disposizzjoni tal-liġi ta' Stat Membru li tittrasponi d-Direttiva 70/156 KEE, kif emendata;

"Direttiva 70/156/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

"Direttiva 70/220/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu, 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn gassijiet ta' vetturi b'mutur *positive-ignition* kif emendata;

"Direttiva 80/1268/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE tas-16 ta' Diċembru 1980 relatata mal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u l-konsum tal-*fuel* minn vetturi b'mutur;

"Direttiva 98/69/KE" tfisser id-Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru, 1998 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur kif emendata;

"dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni" tfisser id-dritt imħallas fuq il-liċenzjar ta' vettura bil-mutur u kull sena wara l-ewwel ħlas;

"emissjonijiet $CO_2$" tfisser il-livell ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju għal vettura mkejjel skond id-Direttiva 80/1268/KEE kif emendata u li jkun jinsab fiċ-ċertifikat tal-KE ta' approvazzjoni tat-tip jew fiċ-ċertifikat tal-KE ta' konformità rilevanti, u fejn il-vettura ma' tkunx tat-tip approvat, għal dik il-

vettura partikolari l-livell ta’ emissjonijiet li jkun jinsab f’dokument aċċettabbli għall-Awtorità, kif preskritt f’regolamenti, li jkun juri livell ta’ emissjonijiet komparabbli ma’ dak li jinsab fl-Anness VIII tad-Direttiva 70/156/KEE, kif emendata;";

(b) fit-tifsira “fattura” minflok il-kliem “minn bejjiegħ” għandhom jidħlu l-kliem “mill-manifattur jew mill-aġent awtorizzat tal-manifattur”, u minnufih wara dik it-tifsira għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "importata f’Malta" tfisser id-dħul f’Malta ta’ vettura bil-mutur minn pajjiż terz;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira “karrozzi bil-mutur u vetturi oħra bil-mutur iddisinjati prinċipalment għall-ġarr ta’ persuni” għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kwadriċikletta" tfisser vettura bil-mutur b’erba’ roti li l-piż tagħha, meta ma tkunx mgħobbija, ma jkunx ta’ iżjed minn 400 kilogramma, jew 550 kilogramma jekk il-vettura tkun ser tintuża għall-ġarr ta’ merkanzija, mhux inkluż it-toqol tal-batteriji fil-każ ta’ vetturi li jaħdmu bl-elettriku, u li jkollha qawwa massima netta fil-makna tagħha li ma tkunx ta’ iżjed minn 15kW;";

(d) it-tifsira "*limousine*" għandha tiġi sostitwita b’dan li ġej:

" "*limousine*" tfisser vettura ta’ lussu li ġġorr il-passiġġieri li jew ikollha *chassis* jew bażi tar-roti mtawwal, jew tkun sedan li l-manifattur tagħha jmexxiha bħala vettura ta’ lussu;";

(e) minnufih wara t-tifsira "*limousine*" kif sostitwita għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "materja partikolata" tfisser emissjonijiet partikolati ġġenerati minn vetturi bil-mutur b’makna *diesel* kif imkejla skond id-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata;

"miġjuba f’Malta" tfisser id-dħul f’Malta ta’ vettura bil-mutur minn Stat Membru u li tpoġġiet f’ċirkolazzjoni ħielsa f’dak l-Istat Membru qabel ma ddaħlet f’Malta;";

(f) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "*motor cycle*" tfisser vettura b’żewġ roti b’*sidecar* jew mingħajr *sidecar* iffitjata b’makna ċilindrata ta’ aktar minn 50 ċm$^3$ tat-tip ta’ kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità

massima diżinjata ta' aktar minn 45 km fis-siegħa, u tinkludi *motor tricycle*;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex Stat Membru;";

(g) it-tifsira "persuna stabbilita barra minn Malta" għandha tiġi mħassra u sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna li għandha r-residenza tagħha f'Malta" tfisser:

(a) persuna li tkun inħarġitilha karta ta' l-identità skond l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità jew persuna li tkun obbligata bil-liġi li jkollha karta ta' l-identità maħruġa skond l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità;

Kap. 258.

(b) persuna, barra minn individwu, li jkollha l-uniku post ta' negozju jew il-post ta' negozju prinċipali tagħha f'Malta;";

(h) it-tifsira "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 tas-16 ta' Marzu 1992 dwar regoli komuni għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-*coach* u bix-xarabank, kif emendat";

(i) it-tifsira "Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 11/98" għandha tiġi imħassra u minnufih wara t-tifsira "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin;

" "sid" tfisser il-persuna li żżomm il-vettura bil-mutur, u fejn il-vettura hija soġġetta għal ftehim ta' xiri bin-nifs jew kiri, il-persuna li jkollha fil-pussess tagħha il-vettura taħt il-ftehim jew il-kiri;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;";

(j) it-tifsira "taxxa" għandha tiġi mħassra u minflok għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "taxxa ta' reġistrazzjoni" tfisser it-taxxa ta' reġistrazzjoni mitluba u miġbura skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att;";

(k) minnufih wara t-tifsira "triq" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "tul ta' vettura bil-mutur" tfisser it-tul ta' vettura bil-mutur li jkun jinsab fiċ-ċertifikat ta' konformità, u fejn il-vettura ma tkunx koperta b'ċertifikat bħal dak, it-tul li jkun jidher f'dokument li jkun aċċettabbli għall-Awtorità u li jkun juri l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-vettura;";

(l) fit-tifsira "l-Unjoni Ewropea" minnufih wara l-kelma "Ewropea" għandhom jiżdiedu l-kliem ", u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein";

(m) it-tifsiriet "valur ta' reġistrazzjoni" u "valutazzjoni" għandhom jiġu mħassra u minnufih wara t-tifsira "użu privat" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja;

" "vettura b'għan speċjali" tfisser vettura li hija ddisinjata, mibnija u addatata unikament jew prinċipalment għall-għanijiet barra minn dawk ta' ġarr ta' passiġġieri jew merkanzija;";

(n) fit-tifsira "vettura bil-mutur" minflok il-kliem "fl-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Ewwel u t-Tieni Skeda";

(o) minnufih wara t-tifsira "vettura bil-mutur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura bil-mutur ġdida" tfisser, għall-finijiet ta' dan l-Att, vettura bil-mutur li qatt ma ġiet reġistrata qabel f'ebda pajjiż;";

(p) minnufih wara t-tifsira "vettura bil-mutur *self-drive* għal-kirja fit-tul" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "vettura bil-mutur proviżorjament reġistrata mill-Awtorità" tfisser vettura bil-mutur li tinġieb f'Malta jew hija manifatturata f'Malta u hija reġistrata mill-Awtorità bil-ħsieb li tiġi esportata mill-ġdid jew esportata, skond kif ikun il-każ, fi żmien disgħin jum -

(a) mid-data tad-dħul oriġinali tagħha f'Malta; jew

(b) mir-rilaxx ta' l-imsemmija vettura minn maħżen ta' depożt, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20; jew

(ċ) fil-każ ta' vettura manifatturata f'Malta, mid-data ta' meta tiġi proviżorjament reġistrata mill-Awtorità;

"vettura bil-mutur użata" tfisser vettura bil-mutur li mhijiex vettura bil-mutur ġdida;

"vettura elettrika" tfisser vettura li tieħu l-forza motriċi tagħha esklużivament minn mutur elettriku, u tinkludi wkoll *motorcycle* elettriku;

"vettura ibrida" tfisser vettura li għandha mill-inqas żewġ konvertituri differenti ta' enerġija u żewġ sistemi differenti ta' ħażna ta' enerġija għall-għanijiet tal-propulsjoni tal-vettura;

"vettura M1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-*driver;*

"vettura M2" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri, b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tad-*driver*, u li jkollha l-piż massimu ta' mhux iżjed minn 5 tunnellati;

"vettura M3" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri, b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tad-*driver*, u li jkollha l-piż massimu ta' iżjed minn 5 tunnellati;

"vettura N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati;

"vettura N2" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' iżjed minn 3.5 tunnellati iżda mhux iżjed minn 12-il tunnellata;

"vettura N3" tfisser vettura użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' iżjed minn 12-il tunnellata;";

(q) fit-tifsira "karozza tat-tlielaq" il-kliem "karozza tat-tlielaq" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "vettura tat-tlielaq" u t-tifsira għandha titqiegħed minnufih wara t-tifsira ġdida "vettura N3";

(r) minnufih wara t-tifsira "vetturi misjuqa minn *chauffeur*" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" " VR" tfisser il-valur ta' reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.".

**5.** Minnufih wara l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' l-artikolu 2A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Vetturi bil-mutur għandhom jiġu reġistrati.

**2A.** (1) L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata ma' l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm -

(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma tkunx qed tiġi użata fuq it-triq, jew

(b) il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt dan l-Att.

(2) L-ebda vettura bil-mutur ma għandha tintuża fuq it-triq mingħajr liċenza ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità sakemm dik il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt dan l-Att.".

**6.** L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

"Ġbir ta' taxxa.

**3.** Għandha tiġi mitluba u miġbura mill-Awtorità favur il-Gvern, taxxa ta' reġistrazzjoni u dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni bir-rata jew bl-ammont speċifikat f'dan l-Att fuq ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' -

(a) kull vettura bil-mutur importata jew miġjuba f'Malta, u

(b) kull vettura bil-mutur manifatturata f'Malta,

sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx soġġetta għal xi eżenzjoni taħt dan l-Att.".

Żieda ta' artikolu ġdid 3A ma' l-Att prinċipali.

**7.** Minnufih wara l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej 3A:

"Ċertifikat ta' konformità.

**3A.** Kull vettura bil-mutur importata jew miġjuba f'Malta jew manifatturata f'Malta għandha, sakemm ma jkunx ġie ordnat mod ieħor mill-Awtorità, ikollha magħha ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur, jew xi dokument ieħor simili u ekwivalenti fir-rigward tal-vettura bil-mutur bħala prova li hi konformi mal-ħtiġiet kollha rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien titlob, jew kif jista' jkun preskritt.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**8.** Fl-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "hekk kif jista' jiġi preskritt" għandhom jiżdiedu l-kliem "b'regolamenti".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**9.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Klassifika ta' vetturi bil-mutur.

"**6.** (1) Kull vettura bil-mutur importata jew miġjuba f'Malta u li mhijiex reġistrata f'Malta u kull vettura bil-mutur manifatturata f'Malta għandha tiġi klassifikata mill-Awtorità taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Ewwel jew fit-Tieni Skeda ta' dan l-Att, skond il-każ, sakemm il-vettura mhijiex soġġetta għal eżenzjoni minn reġistrazzjoni taħt dan l-Att.

(2) Vettura M1 importata f'Malta li:

(a) mhijiex vettura bil-mutur ġdida;

(b) ma jkollhiex magħha ċertifikat ta' konformità maħruġ skond l-aħħar Direttiva tal-KE u l-istadju jew l-i*standard* ta' emissjoni korrispondenti maħruġa mill-Komunità Ewropea; u

(ċ) ġiet manfatturata iżjed minn erba' snin qabel ma ġiet fis-seħħ l-aħħar Direttiva tal-KE kif stabbilit fiha u li tistipula l-aħħar stadju jew *standard* ta' emissjoni,

għandha tiġi klassifikata taħt it-Tieni Skeda ta' l-Att u taxxa għandha tiġi imposta fuqha bir-rata jew bl-ammont speċifikat fiha:

Iżda l-aħħar Direttiva tal-KE għandha tkun id-Direttiva tal-KE applikabbli fil-waqt ta' l-importazzjoni tal-vettura bil-mutur:

Iżda wkoll kull vettura M1 manifatturata qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-aħħar emendi tad-Direttiva 98/69/KE u tad-Direttiva 70/220/KEE, għandha tiġi klassifikata taħt it-Tieni Skeda ta' l-Att, u għandha tiġi imposta fuqha taxxa bir-rata jew bl-ammont speċifikat fiha.".

**10.** Minnufih wara l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej 6A: Żieda ta' artikolu ġdid 6A ma' l-Att prinċipali.

"Disposizzjoni kontra l-abbuż.

**6A.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(3)(i), kull vettura bil-mutur importata fi Stat Membru ieħor minn pajjiż terz bl-iskop li l-użu tagħha jkun f'Malta, għandha titqies mad-dħul tagħha f'Malta li tkun ġiet importata f'Malta kemm-il darba s-sid tal-vettura ma jġibx prova quddiem l-Awtorità li l-vettura kienet użata minnu fl-Istat Membru li nġiebet minnu.".

**11.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Meta vettura bil-mutur tiġi importata jew miġjuba f'Malta mingħajr makna, għandha tiġi klassifikata proviżorjament taħt kategorija bħal dik li kienet tkun applikabbli li kieku l-vettura bil-mutur ġiet importata jew miġjuba f'Malta b'makna b'$CO_2$ massimu applikabbli u, fejn applikabbli, ukoll b'materja partikolata, attribwita lill-vettura bil-mutur ta' l-istess kategorija."; u

(b) fis-subartikolu (3) minflok il-kliem "L-Awtorità tista'" għandhom jidħlu l-kliem "Meta jiġi preżentat iċ-ċertifikat rilevanti, l-Awtorità tista'", u minflok il-kliem "t-taxxa" għandhom jidħlu l-kliem "t-taxxa ta' reġistrazzjoni".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Rata ta' taxxa ta' reġistrazzjoni u dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni.

**8.** (1) It-taxxa ta' reġistrazzjoni għandha tkun dovuta fuq il-valur tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur klassifikata jew klassifikata proviżorjament taħt l-Ewwel, it-Tieni jew it-Tielet Skeda ta' dan l-Att, bir-rata jew bl-ammont speċifikat skond il-kategorija rispettiva u skond il-kriterji identifikati taħt kull Skeda:

Iżda fir-rigward ta' vetturi M1 użati klassifikati skond it-Tieni Skeda barra minn dawk klassifikati taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att, ma għandhomx jaqbżu l-valur ta' taxxa deprezzata li jkun fadal ta' vettura bil-mutur identika jew simili fis-suq Malti.

(2) Id-dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni għandu jkun dovut fuq il-liċenzjar ta' vettura bil-mutur reġistrata taħt dan l-Att bir-rata speċifikata fir-Raba' Skeda ta' dan l-Att u kull sena wara l-ewwel ħlas.

(3) Fejn vettura bil-mutur, li tkun diġà reġistrata mill-Awtorità, titwaħħlilha makna ġdida jew il-makna tagħha tiġi mgħammra b'apparat li għalih ikun hemm fis-seħħ ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur, u allura tkun tikkwalifika għal livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ta' materja partikolata, dik il-vettura tikkwalifika għad-dritt ta' liċenza ta' ċirkolazzjoni applikabbli għal dawk il-livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ jew ta' materja partikolata:

Iżda dik il-vettura tkun koperta minn ċertifikat ta' emissjonijiet mnaqqsa maħruġ minn eżaminatur awtorizzat jew minn faċilità għall-ittestjar akkreditata.".

**13.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

"Valur ta' reġistrazzjoni.

**9.** (1) Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur ġdida importata jew miġjuba f'Malta jew manifatturata f'Malta għandu jkun il-prezz imniżżel fil-fattura, u ukoll, fejn applikabbli, l-assigurazzjoni u l-ġarr.

(2) Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata importata jew miġjuba f'Malta għandu jitqies li jkun il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur għandu jiġi kalkolat billi jiġi deprezzat il-valur tal-fattura tal-manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-ġarr ta' dik il-vettura importata jew miġjuba f'Malta bħala ġdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti preżenti:

Iżda l-valur fis-suq Malti preżenti għandu jiġi determinat fil-waqt li tiġi imposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur.".

**14.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

"Tibdil fil-klassifikazzjoni.

**10.** (1) Bla ħsara għal ma jinsab f'xi liġi oħra l-ebda sid ta' vettura bil-mutur li ġiet ikklassifikata jew ikklassifikata proviżorjament taħt dan l-Att ma għandu jwettaq jew jippermetti lil xi persuna oħra twettaq xi addizzjoni, modifika jew adattament fir-rigward tal-vettura mingħajr awtorizzazzjoni bil-mitkub mill-Awtorità.

(2) Is-sid għalhekk għandu javża lill-Awtorità qabel ma jwettaq jew jippermetti lil xi persuna oħra twettaq dik l-addizzjoni, il-modifika jew l-adattament u qabel ma jkun jista' jagħmel użu jew jippermetti lil xi persuna oħra biex tagħmel użu minnha, jekk id-deskrizzjoni ta' dik il-vettura bil-mutur tista', bħala konsegwenza ta' dak ix-xogħol jew użu, taqa' taħt kategorija oħra għajr dik li ġiet ikklassifikata taħtha.

(3) Meta jkun ingħata avviż kif imsemmi qabel jew meta xi xogħol jew użu kif imsemmi qabel ġew imwettqa jew ikunu ġew awtorizzati mill-Awtorità, l-Awtorità tista' tibdel il-klassifikazzjoni tal-vettura bil-mutur skond hekk.

(4) Meta -

(a) bidla fil-klassifikazzjoni ta' vettura bil-mutur ssir b'xi xogħol imwettaq fuqha jew b' xi użu li jkun sar minnha, u

(b) ir-rata ta' taxxa ta' reġistrazzjoni jew l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandha titħallas fir-rigward ta' vetturi bil-mutur ikklassifikati taħt il-kategorija liema klassifikazzjoni ġiet mibdula hija ogħla mir-rata ta' taxxa ta' reġistrazzjoni jew l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas fir-rigward tal-klassifikazzjoni oriġinali tal-vettura bil-mutur, it-taxxa ta' reġistrazzjoni addizzjonali għandha tkun dovuta mid-differenza bejn l-imsemmija żewġ rati fuq il-valur ta' reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-mutur kif determinat fil-waqt tal-klassifikazzjoni oriġinali jew f'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn l-imsemmija żewġ ammonti, skond kif ikun il-każ:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw jekk il-bidla fil-klassifikazzjoni sseħħ aktar tard minn sittin xahar mid-data ta' meta saret il-klassifikazzjoni oriġinali fil-każ -

(i) meta l-vettura bil-mutur ġiet rreġistrata l-ewwel darba taħt dan l-Att qabel il-31 ta' Diċembru, 2001; jew

(ii) tal-bidla fil-klassifikazzjoni tal-vettura bil-mutur *self-drive* għal kiri ta' ftit żmien, jew vettura bil-mutur *self-drive* għal-kiri ta' żmien twil jew vettura misjuqa minn *chauffeur:*

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu m’għandhomx japplikaw jekk il-bidla fil-klassifikazzjoni sseħħ aktar tard minn sitta u tletin xahar mid-data ta’ meta saret il-klassifikazzjoni oriġinali fil-każ ta’ vetturi rreġistrati għall-użu bħala vetturi *self-drive* għal kiri ta’ ftit żmien.

(5) Meta vettura N1 tiġi mibdula għal vettura M1, l-Awtorità għandha tikklassifika dik il-vettura taħt it-Tieni Skeda u għall-finijiet tat-taxxa ta’ reġistrazzjoni għandha tapplika r-rata applikabbli għal vettura M1 bl-ogħla rata taħt it-Tieni Skeda kemm jekk il-vettura għandha makna petrol kif ukoll jekk għandha makna *diesel*. Il-valur ta’ reġistrazzjoni (VR) ta’ vettura bil-mutur kif mibdul għandu jitqies li jkun dak ta’ vettura M1 użata.

(6) Meta vettura N1 tiġi mibdula għal vettura M1, id-dritt għal liċenza ta’ ċirkolazzjoni pagabbli fuq dik il-vettura kif mibdula għandu jkun dak applikabbli għal vettura M1 kif provdut fir-Raba’ Skeda.

(7) Għall-finijiet tas-subartikolu (3), il-frażi "klassifikazzjoni oriġinali" ma tinkludix klassifikazzjoni proviżorja magħmula skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 7.".

Emenda ta’ l-artikolu 11 ta’ l-Att prinċipali.

**15.** L-artikolu 11 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "l-artikolu 12" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 11A, 12 u 23"; u

(b) minflok il-kelma "taxxa", kull fejn tidher, għandhom jidħlu l-kliem "taxxa ta’ reġistrazzjoni".

Żieda ta’ artikolu ġdid 11A ma’ l-Att prinċipali.

**16.** Minnufih wara l-artikolu 11 ta’ l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Appelli.

**11A.** (1) Kull persuna li tkun ħallset jew li għandha tħallas taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta’ vettura tista’ tappella kontra l-ammont ta’ taxxa li jiġi impost.

Kap. 332.

(2) Appell taħt dan l-artikolu għandu jsir lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport, skond il-proċedura stabbilita taħt l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-Att, id-dritt dovut għall-preżentata ta' l-appell lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport għandu jkun ħamsin euro (€50).

(3) Il-persuna li tkun qed tippreżenta l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport tista' tirrappreżenta lilha nnifisha.

(4) Il-Bord ta' l-Appell għandu jikkunsidra kull każ miġjub quddiemu skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

(5) Meta l-Bord jiddetermina li l-ammont dovut fir-rigward ta' taxxa ta' reġistrazzjoni huwa inqas minn dak imħallas, l-Awtorità għandha tħallas lura għan-nom tal-Gvern l-ammont imħallas żejjed lir-rikorrent konċernat.

(6) Meta l-Bord jiddetermina li l-ammont dovut fir-rigward ta' taxxa ta' reġistrazzjoni huwa aktar minn dak imħallas, ir-rikorrent konċernat għandu jħallas lill-Awtorità l-ammont imħallas inqas fiż-żmien perentorju preskritt.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**17.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "taxxa", kull fejn tidher, għandhom jidħlu l-kliem "taxxa ta' reġistrazzjoni"; u

(b) fis-subartikolu (2) minflok il-kliem "ikollu raġuni jaħseb" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità jkollha raġuni taħseb" ".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**18.** L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur.

**14.** Meta jsir il-pagament tat-taxxa ta' reġistrazzjoni fir-rigward ta' vettura bil-mutur, l-Awtorità għandha tirreġistra dik il-vettura bil-mutur u għandha toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni kif preskritt b'regolamenti.".

**19.** L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**20.** L-artikolu 17A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 17A ta' l-Att prinċipali.

"Vetturi reġistrati proviżorjament.

**17A.** (1) Meta vettura bil-mutur tiġi reġistrata proviżorjament mill-Awtorità, it-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta għandha tkun dik speċifikata fit-Tielet Skeda ta' dan l-Att.

(2) L-ebda vettura bil-mutur ma għandha tiġi reġistrata bħala vettura reġistrata proviżorjament sakemm il-manifattur jew il-bejjiegħ jew l-aġent jew is-sid, skond kif ikun il-każ, jiffirmaw dikjarazzjoni b'dak il-mod li l-Awtorità tista' tippreskrivi minn żmien għal żmien, bil-għan li dik il-vettura bil-mutur tiġi reġistrata proviżorjament bil-ħsieb biss li tiġi esportata jew esportata mill-ġdid.

(3) Jekk wara l-għeluq ta' disgħin jum mid-data tar-reġistrazzjoni proviżorja tal-vettura l-manifattur jew il-bejjiegħ jew l-aġent jew is-sid ma jippreżentawx id-dokumenti kollha li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Awtorità minn żmien għal żmien, li juru li l-istess vettura li kienet ġiet reġistrata bħala vettura reġistrata proviżorjament kienet fil-fatt esportata jew esportata mill-ġdid qabel l-għeluq ta' l-imsemmi perjodu ta' disgħin jum, għandha titħallas taxxa addizzjonali ta' reġistrazzjoni ekwivalenti għall-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta fid-data ta' meta l-perijodu li fih il-vettura bil-mutur kellha tiġi esportata jew esportata mill-ġdid jagħlaq, skond il-kategorija rispettiva ta' dik il-vettura bil-mutur kif speċifikat fl-Ewwel u fit-Tieni Skeda:

Iżda l-Awtorità tista' ġġedded, b'perijodu addizzjonali ta' tletin jum, il-perijodu ta' disgħin jum imsemmi f'dan is-subartikolu meta ssir talba bil-mitlub mill-manifattur, bejjiegħ, aġent jew is-sid tal-vettura bil-mutur, liema talba bil-miktub għandha ssir mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata ta' l-istess perijodu ta' disgħin jum.

(4) Jekk, wara l-esportazzjoni jew l-esportazzjoni mill-ġdid ta' dik il-vettura reġistrata proviżorjament skond is-subartikolu (3), dik il-vettura reġistrata proviżorjament terġa tinġieb lura Malta, minkejja li ma jkunu saru l-ebda addizzjoni, modifika jew adattament lill-vettura, li skond l-artikolu 12, jirriżultaw f'tibdil fil-klassifikazzjoni ta' dik il-vettura li ma kienx għall-fatt li l-vettura kienet reġistrata proviżorjament, għandha titħallas taxxa addizzjonali ta' reġistrazzjoni ekwivalenti għall-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta fid-data tad-dħul mill-ġdid ta' dik il-vettura bil-mutur skond il-kategorija rispettiva ta' dik il-vettura bil-mutur kif speċifikat fl-Ewwel u t-Tieni Skeda.

(5) L-ebda vettura reġistrata proviżorjament ma tista' tiġi misjuqa fit-triq mingħajr liċenza maħruġa mill-Awtorità meta jsir il-ħlas tad-dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni applikabbli:

Iżda l-ammont tad-dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni pagabbli fir-rigward ta' dik il-vettura għandu jkun bir-rata ta' 12 fil-mija tad-dritt annwali tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni applikabbli għal dik il-vettura għal kull xahar li tkun liċenzjata l-vettura. Il-perjodu li għalih il-vettura tkun liċenzjata m'għandux ikun inqas minn xahar.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

**21.** L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Vetturi bil-mutur li jiddaħħlu f'Malta temporanja-ment.

**18.** (1) Bla ħsara għal kull ħaġa oħra li hemm f'dan l-Att, il-vetturi li ġejjin jistgħu, bla ħsara għal xi kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet preskritti b'regolamenti, jintużaw fit-triq mingħajr ma tkun tħallset fuqhom it-taxxa tar-reġistrazzjoni jew parti minnha:

(a) kull vettura bil-mutur privata, inkluż karavan jew *motor home*, reġistrata f'pajjiż ieħor li tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) tiddaħħal Malta temporanjament għal perijodu, konsekuttiv jew mod ieħor, li ma jkunx jaqbeż seba' xhur f'perijodu ta' tnax-il xahar;

(ii) minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;

Kap. 258.

(iii) dik il-persuna ma jkollhiex karta ta' l-identità maħruġa skond l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, jew tkun, skond l-istess Att, obbligata li jkollha fil-pussess tagħha karta ta' l-identità;

(iv) il-vettura tkun se tiġi użata għall-użu personali jew għall-użu fin-negozju:

Iżda meta vettura bil-mutur privata reġistrata fil-pajjiż tar-residenza normali tal-utent tintuża regolarment għall-ivvjaġġar mir-residenza tiegħu f'dak il-pajjiż għall-post tax-xogħol tiegħu f'intrapriża f'Malta, l-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għandha tkun mingħajr terminu perentorju;

(b) kull vettura bil-mutur reġistrata f'pajjiż ieħor li tiddaħħal Malta minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta u li tiġi Malta taħt kuntratt ta' xogħol, f'liema każ, dik l-eżenzjoni għandha tkun għal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tad-dħul f'Malta ta' dik il-vettura;

(ċ) kull vettura bil-mutur privata li tiġi importata jew tkun ġiet miġjuba temporanjament Malta minn student li jkollu r-residenza normali tiegħu barra minn Malta biex tintuża għall-użu personali tiegħu u li jkun se joqgħod f'Malta għall-finijiet biex isegwi l-istudji tiegħu f'istituzzjoni edukattiv hekk awtorizzata mill-awtoritajiet tal-edukazzjoni;

(d) kull vettura bil-mutur miġjuba f'Malta minn negozjant li jkollu liċenza biex idaħħal vetturi bil-mutur bħala kampjun rappreżentattiv ta' vettura partikolari biex tiġi murija jew biex tiġi użata għal xi wirja bil-għan li jinkisbu ordnijiet għal vetturi simili sakemm il-vettura tkun inġiebet temporanjament f'Malta bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorità;

(e) vetturi għall-ġarr tal-merkanzija reġistrati fi Stat Membru ieħor u operati minn burdnar stabbilit li jkollu liċenza f'dak l-Istat Membru, li jiddaħħlu Malta biex isir il-ġarr stradali internazzjonali ta' merkanzija li jkun kopert b'awtorizzazzjoni Komunitarja valida skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92 kif emendat; u

(f) vetturi bil-mutur tal-passiġġieri reġistrati fi Stat Membru ieħor u operati minn operatur stabbilit u li jkollu liċenza f'dak l-Istat Membru, li jiddaħħlu Malta biex iwettqu ġarr stradali internazzjonali ta' passiġġieri kopert b'liċenza Komunitarja valida skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 kif emendat.

(2) L-eżenzjonijiet skond il-paragrafi (ċ) u (d) tas-subartikoli ta' qabel għandhom jingħataw skond dawk il-kondizzjonijiet preskritti b'regolamenti.

(3) Minkejja xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, kull vettura bil-mutur privata reġistrata fi Stat Membru ieħor li ma jkunx Malta disponibbli għal persuna, kemm jekk residenti f'Malta jew le, minn kumpannija jew xi entità oħra ġuridika stabbilita fi Stat Membru li ma jkunx Malta, fil-kariga tagħha bħala impjegat, direttur, *manager*, azzjonist jew sieħeb fil-kumpannija jew xi entità oħra ġuridika, jew meta xi vettura bil-mutur reġistrata disponibbli għal persuna fil-kariga tagħha bħala persuna li taħdem għal rasha li tkun qed teżerċita attività ekonomika fi Stat Membru li ma jkunx Malta, u dik il-vettura bil-mutur privata reġistrata tiġi importata jew miġjuba temporanjament f'Malta iżda mhijiex intiża biex tintuża f'Malta fuq bażi permanenti u mhijiex qed tiġi użata b'dak il-mod, għandha tiġi eżentata mit-taxxa ta' reġistrazzjoni:

Iżda fejn dik il-vettura bil-mutur tkun se tibqa' f'Malta għal aktar minn tletin jum konsekuttivi mid-data meta tasal Malta, hi għandha tiġi reġistrata mal-Awtorità skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) Bla ħsara għall-eżenzjoni mogħtija b'dan l-Att, meta vettura mikrija minn persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor tinġieb Malta biex tintuża f'Malta, dik il-vettura tiġi imposta fuqha taxxa ta' reġistrazzjoni bir-rata jew fl-ammont speċfikat fit-Tieni Skeda, li għandu jitħallas fi żmien tletin jum minn meta tinġieb Malta.

(5) (a) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' hawn taħt, għall-finijiet ta' dan l-artikolu "residenza normali" tfisser il-post fejn persuna tgħix għallinqas 185 ġurnata f'kull sena, minħabba rbit personali u vokazzjonali, jew, fil-każ ta' persuna li ma għandha l-ebda rbit vokazzjonali, minħabba rbit personali.

(b) Meta l-irbit vokazzjonali ta' persuna jkun f'post differenti minn dak ta' l-irbit personali u għaldaqstant tgħix f'postijiet differenti wara xulxin li jkunu ġeografikament f'żewġ pajjiżi jew aktar, ir-residenza normali ta' dik il-persuna għandha titqies li tkun il-post ta' l-irbit personali tagħha, iżda sakemm dik il-persuna ma tkun qed tgħix f'pajjiż ieħor sabiex twettaq xi xogħol ta' tul definit, dik il-persuna terġa' tmur lura hemm b'mod regolari.

(ċ) Persuna li tgħix f'pajjiż primarjament għall-għan biex tattendi skola jew università jew għal stabbiliment ieħor edukattiv jew vokazzjonali m'għandhiex tiġi meqjusa li għandha r-residenza normali tagħha f'dak il-pajjiż.

(d) Prova ta' residenza normali għandha tingħata mill-persuna li ser iġġib temporanjament f'Malta vettura bil-mutur, permezz ta' karta ta' l-identità, jew permezz ta' kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma, jew dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-akkwist tal-proprjetà jew impjieg jew xi operazzjonijiet oħra mwettqa fil-kors tal-ħajja ta' kuljum, u xi dokumenti oħra validi li l-Awtorità tista' teħtieġ jew taċċetta.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**22.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**19.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17A, ma għandha titħallas ebda taxxa ta' reġistrazzjoni bis-saħħa ta' dan l-Att fuq vettura bil-mutur li tiġi importata jew miġjuba Malta bil-għan li tigi esportata bħala merkanzija mingħajr ma tiġi użata f'Malta u li tiġi rilaxxata mid-dwana għal dan il-għan, kemm-il darba dik l-esportazzjoni ssir direttament minn maħżen ta' depost, sakemm dik il-vettura ma terġax tiġi importata f'Malta.

(2) (a) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni u bla ħsara għal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jeżenta kull persuna mill-ħlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taħt dan l-Att.

(b) Eżenzjoni bħal din tista' tingħata b'effett retrospettiv.

(ċ) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jirrevoka kull ordni li jsir taħt dan l-artikolu.

(3) Eżenzjonijiet mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni u, dwar vetturi provvisti taħt is-subparagrafi (ii) sa (vii) hawn aktar 'l isfel, ukoll, mill-ħlas ta' drittijiet ta' liċenza ta' ċirkolazzjoni jkunu applikabbli meta l-vettura bil-mutur -

(i) tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tinġieb permanentement f'Malta mill-individwu meta dan jittrasferixxi r-residenza tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta:

Iżda vettura bil-mutur li ddaħħlet f'Malta fl-1 ta' Lulju, 2008, jew wara dik id-data, minn persuna li ħadet ir-residenza tagħha f'Malta fit-3 ta' Novembru, 2008, jew wara dik id-data, tkun tikkwalifika għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni;

(ii) tkun mgħoddija lill-Gvern ta' Malta għas-servizz pubbliku;

(iii) tkun mgħoddija lill-Forzi Armati ta' Malta;

(iv) tkun għall-użu uffiċjali minn istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

(v) tkun għall-użu personali ta' uffiċjali jew ta' membri oħra tal-persunal ta' istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li jitrasferixxu r-residenza tagħhom lejn Malta biex jokkupaw kariga hawnhekk ma' istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

(vi) tkun mgħoddija lil organizzazzjoni internazzjonali li hi rikonoxxuta bħala tali mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin għal użu uffiċjali f'Malta; u

Kap. 191

(vii) tkun mgħoddija taħt arranġamenti diplomatiċi, konsulari jew arranġamenti simili bis-saħħa ta' l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi.

(4) Meta vettura bil-mutur, li tkun ingħatat eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni skond is-subartikoli (2) u (3) tiġi mibjugħa jew isir disponiment minnha f'Malta, għandha titħallas fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli għall-valur fis-suq tal-vettura.

(5) L-eżenzjonijiet taħt is-subartikoklu (3) għandhom jingħataw taħt dawk il-kondizzjonijiet kif il-Ministru jista' jispeċifika b'regolamenti.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jawtorizza lill-Awtorità biex tirreġistra vettura bil-mutur, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet li hi tista' timponi, jew mingħajr ebda ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni jew bil-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'ammont li jkun b'rata anqas minn dik li ġeneralment tkun dovuta jew, dik it-taxxa tkun ġiet imħallsa, biex tħallas lura t-taxxa kollha jew parti minnha.".

Żieda ta' artikolu ġdid 19A ma' l-Att prinċipali.

**23.** Minnufih wara l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Għoti ta' kreditu.

**19A.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'Ordni, u skond il-kondizzjonijiet li jkunu speċifikati f'dak l-Ordni, jagħti kreditu fuq taxxa ta' reġistrazzjoni li tkun tħallset jew li jista' jkollha titħallas fuq vettura bil-mutur fi żmien speċifikat kif jista' jiġi determinat fl-Ordni.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jirrevoka kull ordni magħmul taħt dan l-artikolu.".

**24.** L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok in-nota marġinali tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Setgħa biex isiru regoli u regolamenti.";

(b) is-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Ministru jista', bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, permezz ta' regoli pubblikati fil-Gazzetta:

(a) jemenda jew jissostitwixxi l-Ewwel, it-Tieni jew it-Tielet Skeda ma' dan l-Att, sakemm l-ebda emenda jew sostituzzjoni bħal dik ma jkollha l-effett li żżid it-taxxa imposta skond l-Iskedi msemmija;

(b) jemenda jew jissostitwixxi r-Raba' Skeda ukoll jekk l-emenda bħal dik ikollha l-effett li żżid id-drittijiet imposti skond l-Iskeda imsemmija; u

(ċ) jikklassifika, jissostitwixxi jew jimmodifika l-kategorija ta' vetturi bil-mutur li jistgħu jiġu reġistrati f'Malta."; u

(ċ) fis-subartikolu (2) minflok il-kliem "Il-Ministru jista' jagħmel regoli" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti bħal dawn kif jista' jqis li jkunu meħtieġa" u minnufih wara l-kliem "sabiex jiżgura l-ħlas" għandhom jidħlu l-kliem "u l-ġbir".

**25.** L-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kelma "taxxa", kull fejn tidher, għandhom jidħlu l-kliem "taxxa ta' reġistrazzjoni";

(b) il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) iġiegħel jew jippermetti li jsir *leasing* ta' vettura bil-mutur li tkun taħt il-kustodja tiegħu, u li tkun ġiet reġistrata mill-Awtorita għal skopijiet ta' *self-drive*, u li għaliha tkun tħallset taxxa ta' reġistrazzjoni fl-ammont ta' 30 fil-mija jew 20 fil-mija tal-valur ta' reġistrazzjoni, skond kif ikun il-każ; jew";

(ċ) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500)"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) għandu jiżdied l-artikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Meta s-sid ta' vettura bil-mutur, reġistrata u liċenzjata mill-Awtorità, ma jħallasx id-dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni applikabbli fuq dik il-vettura fi żmien tliet xhur minn meta tiskadi l-liċenza tal-vettura, huwa jkun dovut iħallas penali amministrattiva, pagabbli lill-Awtorità, ta' €2 għal kull ġurnata li d-dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni applikabbli jibqa' mhux imħallas, minkejja kull azzjoni oħra li tkun tista' tittieħed skond l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew xi regolamenti magħmula taħtha.".

Kap. 65.

Żieda ta' artikolu ġdid 22A ma' l-Att prinċipali.

**26.** Minnufih wara l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat tal-Pulizija u Uffiċjali ta' l-Infurzar.

**22A.** (1) Kull meta uffiċjal tal-Pulizija jew Uffiċjal ta' l-Infurzar ta' l-Awtorità jissuspetta raġonevolment li -

(a) vettura bil-mutur ma ġietx reġistrata skond dan l-Att, jew

(b) vettura bil-mutur ġiet mibdula u ma ingħatax avviż rigward il-bidla fil-klassifikazzjoni skond l-artikolu 10, jew

(ċ) xi taxxa ta' reġistrazzjoni fir-rigward tal-vettura ma ġietx imħallsa,

l-uffiċjal jista' jżomm il-vettura u jista' jordna t-tneħħija ta' l-imsemmija vettura skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew ir-regolamenti magħmula taħtha.".

Kap. 65.

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**27.** L-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) minflok il-kliem "Taxxa li tkun tħallset" għandhom jidħlu l-kliem "Taxxa ta' reġistrazzjoni li tkun tħallset";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) minflok il-kliem "importata ġewwa Malta" għandhom jidħlu l-kliem "importata jew miġjuba Malta";

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) din tista' tiġi mogħtija lura skond l-artikolu 19(5), jew

(e) din tiġi sussegwentement modifikata mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

**28.** L-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Vetturi bil-mutur registrati fl-2008.

**24.** (1) Kull persuna li rreġistrat vettura M1 f'isimha bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2008 tista' tagħżel li tirreġistra l-imsemmija vettura regolata bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Persuna li tagħżel li tirreġistra l-vettura tagħha regolata skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), għandha tippreżenta lill-Awtorità talba bil-miktub sabiex tiġi imposta taxxa fuq il-vettura skond ir-rati kif provduti taħt dan l-Att.

(3) Persuna li tagħżel li tirreġistra l-vettura tagħha regolata skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), għandha tibgħat talba lill-Awtorità biex tingħata kreditu, meta ġġib prova li tħallset taxxa ta' reġistrazzjoni żejda fuq l-imsemmija vettura meta paragunata ma' dak li kellu jitħallas fuq l-istess vettura bil-mutur li kieku ddaħħlet jew ġiet manifatturata f'Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2009.

(4) Importaturi awtorizzati ta' vetturi bil-mutur jew bejjiegħa ta' vetturi bil-mutur li, qabel il-31 ta' Diċembru, 2008, irreġistraw xi vetturi M1 jew *motor cycles* ma' l-Awtorità mingħajr ma tħallset it-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli fuqhom, għandhom iħallsu t-taxxa ta' reġistrazzjoni xierqa sat-30 ta' Ġunju, 2009.

(5) Importaturi awtorizzati ta' vetturi bil-mutur jew bejjiegħa ta' vetturi bil-mutur li, qabel it-3 ta' Novembru, 2008, ordnaw xi vetturi M1 u *motor cycles*, jistgħu jagħżlu li jirreġistraw l-imsemmijin vetturi regolati bir-rati ta' taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar, 2009, u għandhom iħallsu dik it-taxxa ta' reġistrazzjoni sat-30 ta' Ġunju, 2009.

(6) Għall-finijiet tas-subartikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu -

(a) ir-reġistrazzjoni għandha tkun tinkludi l-lista ta' vetturi bil-mutur jew *motor cycles* li jkunu waslu Malta jew li kienu ordnati, li tiġi notifikata lill-Awtorità minn importatur jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur awtorizzat, u li tiġi aċċettata mill-Awtorità taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tordna:

Iżda meta jirriżulta lill-Awtorità li vettura bil-mutur jew *motor cycle* li jkunu fil-lista notifikata lilha minn importatur jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur awtorizzat, ma kenux ġew hekk ordnati jew ma jkunux waslu Malta, l-Awtorità għandha tikkunsidra dik il-vettura bil-mutur jew *motor cycle* bħala li ma jkunux ġew reġistrati skond dawn is-subartikoli;

(b) il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni għandha ssir meta l-Awtorità toħroġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni:

Iżda l-Awtorità ma għandha taċċetta l-ebda ħlas wara d-data stipulata, u f'dak il-każ l-Awtorità għandha b'mod awtomatiku tħassar mir-reġistru kull vettura u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tagħha għandha tiġi regolata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(ċ) meta, minkejja li tkun saret reġistrazzjoni skond ma hemm provdut f'paragrafu (a), importatur awtorizzat ta' vetturi bil-mutur jew bejjiegħ ta' vetturi bil-mutur jagħżel li r-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur jew ta' *motor cycle* tiġi regolata minn dan l-Att, l-Awtorità għandha tħassar lil dik il-vettura mir-reġistru u tirreġistraha mill-ġdid skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Sostituzzjoni ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att prinċipali.

**29.** L-Ewwel Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

# "L-EWWEL SKEDA
# [L-artikolu 6(1)]

## Kategorija A - Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta' passiġġieri b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tad-*driver* (M2 u M3)

| Nru tal-Kodiċi VERA | Merkanzija | Rata ta' Taxxa Perċentwali ta' VR |
|---|---|---|
| 1.021.000 | 1. *Scheduled buses*: | |
| 1.021.001 | 1.1 ġodda …………………….……………… | 0% |
| 1.021.002 | 1.2 użati ……………………………………….. | 6% |
| 1.022.000 | 2. *Unscheduled buses, coaches*, ferroviji mingħajr linji, *buses* mikxufin, *buses* b'żewġ pjanijiet u vetturi bil-mutur anfibji | |
| 1.022.001 | 2.1 ġodda ……………………….....…………… | 0% |
| 1.022.002 | 2.2 użati ……………...……………....…...…… | 24% |
| 1.023.000 | 3. *Minibuses* għall-ġarr ta' passiġġieri bi ħlas | |
| 1.023.001 | 3.1 ġodda …………………………………...... | 0% |
| 1.023.002 | 3.2 użati …………………………….……...… | 21% |
| 1.024.000 | 4. *Midibuses* u *minibuses* privati b'makna: | |
| 1.024.001 | 4.1 ta' ċilindrata ta' mhux aktar minn 1500cc …....... | 50.5% |
| 1.024.002 | 4.2 ta' ċilindrata ta' aktar minn 1500cc ……............ | 60% |
| 1.025.000 | 5. Oħrajn (esklużi vetturi elettriċi): | |
| 1.025.001 | 5.1 Vannijiet għall-ġarr ta' ħdax-il persuna, inkluż ix-xufier u vannijiet bit-*tail-lift* | |
| 1.025.010 | 5.1.1 għall-ġarr ta' passiġġieri bi ħlas: | |
| 1.025.011 | 5.1.1.1 ġodda ……………..……..…….. | 0% |
| 1.025.012 | 5.1.1.2 użati …………………………… | 21% |
| 1.025.020 | 5.1.2 vetturi oħrajn bil-makna: | |
| 1.025.021 | 5.1.2.1 ta' ċilindrata ta' mhux aktar minn 1500cc ……………………… | 50.5% |
| 1.025.022 | 5.1.2.2 ta' ċilindrata ta' aktar minn 1500cc ……………………………… | 60% |
| 1.025.050 | 5.2 Oħrajn …………………………………….. | 60% |
| 1.026.100 | 6. Vetturi elettriċi: | |
| 1.026.110 | 6.1 vetturi elettriċi misjuqa bil-batterija …………... | 0% |
| 1.026.120 | 6.2 vetturi elettriċi ibridi bil-petrol (jew *diesel*) | |
| 1.026.121 | 6.2.1 *scheduled buses*: | |
| 1.026.122 | 6 6.2.1.1 ġodda ……………..………… | 0% |
| 1.026.123 | 6.2.1.2 użati ……………..……………. | 2% |
| 1.026.131 | 6.2.2. oħrajn …………………..…………... | 16.5% |

**Kategorija B – Vetturi oħra bil-mutur**

| | |
|---|---|
| 1. *Taxicars* ..........………………………………….. | 20% |
| 1.1. Ġodda ……………………………………… | 20% |
| 1.2. Użati ……........……………………………… | |
| 1.2.1 li jkollhom makna euro 5 jew 4 ……..... | 75% |
| 1.2.2. li jkollhom makna euro 3 jew anqas … | 90% |
| Meta *taxicar*, li meta tiġi reġistrata l-ewwel darba kienet jew hija vettura bil-mutur ġdida, tiġi mibdula f'karozza privata fi żmien 60 xahar mid-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni tagħha bħala *taxicar*, dik il-vettura tiġi valutata mill-Awtorità u għandha titħallas fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli għal vettura M1 taħt it-Tieni Skeda bit-tnaqqis ta' l-għoxrin fil-mija li kienu diġà mħallsa fuq l-ewwel reġistrazzjoni. | |
| 2. Vetturi bil-mutur *self-drive* għal kiri ta' ftit żmien u vetturi misjuqa minn *chauffeur* (ġodda biss) | |
| 2.1. Vetturi bil-mutur *self-drive* b'makna petrol | 20% |
| 2.1.1. kapaċità tal-makna li ma tkunx aktar minn 1500cc …......……............................... | Skond ir-rati għall-vetturi M1 fit-Tieni Skeda |
| 2.1.2. kapaċità tal-makna li hi aktar minn 1500 cc ........................................................ | |
| 2.2. Vetturi bil-mutur *self-drive* b'makna *diesel* | 20% |
| 2.2.1. kapaċità tal-makna li ma tkunx aktar minn 2000cc ……............................... | Skond ir-rati għall-vetturi M1 fit-Tieni Skeda |
| 2.2.2. kapaċità tal-makna li hi aktar minn 2000 cc........................................................ | |
| 2.3. vetturi misjuqa minn *chauffeur* b'makna petrol | 20% |
| 2.3.1. kapaċità tal-makna li ma tkunx aktar minn 2000cc ……....................................... | Skond ir-rati għall-vetturi M1 fit-Tieni Skeda |
| 2.3.2. kapaċità tal-makna li hi aktar minn 2000cc ........................................................ | |
| 2.4. vetturi misjuqa minn *chauffeur* b'makna *diesel* | 20% |
| 2.4.1. kapaċità tal-makna li ma tkunx aktar minn 3000cc ...................…................…... | Skond ir-rati għall-vetturi M1 fit-Tieni Skeda |
| 2.4.2. kapaċità tal-makna li hi aktar minn 3000cc ..........…...................…................... | |

Ir-rati ta' hawn fuq fir-rigward ta' *taxicars*, vetturi bil-mutur *self-drive* għal kiri ta' ftit żmien u vetturi bil-mutur misjuqa minn *chauffeur* għandhom japplikaw biss sal-31 ta' Diċembru, 2009. Mill-1 ta' Jannar, 2010, ir-rati applikabbli għat-tliet kategoriji kollha għandhom ikunu dawk li japplikaw għall-vetturi M1 taħt it-Tieni Skeda.

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Ambulanzi u vannijiet tal-ħabs ġodda ………………………… | 0% |
| | 4. Vetturi *light weight* bi tliet roti li għandhom karatteristiċi ta' vettura bil-mutur ……………………………………………… | 48.5% |
| | 5. Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* li m'humiex attrezzati biex jintużaw fit-triq ……………………………… | 6.5% |
| | 6. Ambulanzi, vannijiet tal-ħabs użati ........................................ | 21% |
| | 7. Vetturi *light weight* bi tliet roti użati li għandhom karatteristiċi ta' vettura bil-mutur ………………………………… | 48.5% |
| | 8. Karozzi tat-tlielaq, *go-karts* u *quad bikes* użati li m'humiex attrezzati biex jintużaw fit-triq ………………… | 6.5% |
| | 9. Karavans, u *motor homes* kemm ġodda jew użati ……………. | 50% |
| | 10. Vetturi M1 li jkollhom 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura (vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità) b'makna b'kapaċità tal-mutur ta': | |
| 1.032.082 | 10.1 mhux aktar minn 1000cc ……………………… | 11% |
| 1.032.182 | 10.2 aktar minn 1000cc iżda ta' mhux aktar minn 1300 ……………………………………… | 11% |
| 1.032.282 | 10.3 aktar minn 1300cc iżda ta' mhux aktar minn 1500 ……………………………………… | 11% |
| 1.032.382 | 10.4 aktar minn 1500cc iżda ta' mhux aktar minn 1800……………………………………… | 16.5% |
| 1.032.482 | 10.5 aktar minn 1800cc iżda ta' mhux aktar minn 2000 ……………………………………… | 16.5% |
| 1.032.582 | 10.6 aktar minn 2000cc iżda ta' mhux aktar minn 2500 ……………………………………… | 16.5% |
| 1.032.682 | 10.7 aktar minn 2500cc iżda ta' mhux aktar minn 3000 ……………………………………… | 16.5% |
| 1.032.782 | 10.8 aktar minn 3000cc …………………………… | 16.5% |
| | 11. Vetturi M1 li jkollhom 35 sena jew aktar iżda inqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura (vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità) b'makna b'kapaċità tal-mutur ta': | |
| 1.032.083 | 11.1 mhux aktar minn 1000cc ………………….. | 25.5% |
| 1.032.183 | 11.2 aktar minn 1000cc iżda ta' mhux aktar minn 1300 ……………………………………… | 25.5% |
| 1.032.283 | 11.3 aktar minn 1300cc iżda ta' mhux aktar minn 1500 ……………………………………… | 26.5% |
| 1.032.383 | 11.4 aktar minn 1500cc iżda ta' mhux aktar minn 1800 ……………………………………… | 30% |
| 1.032.483 | 11.5 aktar minn 1800cc iżda ta' mhux aktar minn 2000 ……………………………………… | 32.5% |
| 1.032.583 | 11.6 aktar minn 2000cc iżda ta' mhux aktar minn 2500 ……………………………………… | 37.5% |

| | | |
|---|---|---|
| 1.032.683 | 11.7 aktar minn 2500cc iżda ta' mhux aktar minn 3000 …….........…...............…..................…........ | 37.5% |
| 1.032.783 | 11.8 aktar minn 3000cc …………………………… | 37.5% |
| | 12. *Motor cycles* li jkollhom 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura (vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità) b'makna b'kapaċità tal-mutur ta': | |
| 1.111.022 | 12.1 mhux aktar minn 50cc .................................. | 6.5% |
| 1.112.032 | 12.2 aktar minn 50cc iżda ta' mhux aktar minn 125cc …….........…...............…..................…........ | 6.5% |
| 1.112.042 | 12.3 aktar minn 125cc iżda ta' mhux aktar minn 250cc …….........…...............…..................…........ | 6.5% |
| 1.113.002 | 12.4 aktar minn 250cc iżda ta' mhux aktar minn 500cc …….........…...............…..................…........ | 6.5% |
| 1.114.002 | 12.5 aktar minn 500cc iżda ta' mhux aktar minn 800cc …….........…...............…..................…........ | 6.5% |
| 1.115.002 | 12.6 aktar minn 800cc | |
| | 13. *Motor cycles* li jkollhom 35 sena jew aktar iżda inqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura (vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità) b'makna b'kapaċità tal-mutur ta': | |
| 1.111.023 | 13.1 mhux aktar minn 50cc …….............…........ | 14.5% |
| 1.112.033 | 13.2 aktar minn 50cc iżda ta' mhux aktar minn 125cc | 14.5% |
| 1.112.043 | 13.3 aktar minn 125cc iżda ta' mhux aktar minn 250cc …….........…...............…..................…........ | 21% |
| 1.113.003 | 13.4 aktar minn 250cc iżda ta' mhux aktar minn 500cc …….........…...............…..................…........ | 21% |
| 1.114.003 | 13.5 aktar minn 500cc iżda ta' mhux aktar minn 800cc …….........…...............…..................…........ | 21% |
| 1.115.003 | 13.6 aktar minn 800cc | 21% |
| | 14. Karozzi għall-ġarr tal-mejtin (ġodda biss) | |
| | 14.1 Sal-31 ta' Marzu, 2009 …….......…………….. | 0% |
| | 14.2 Wara l-31 ta' Marzu, 2009 ………………….... | 30% |

**Kategorija Ċ - Vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta' merkanzija (N1, N2 u N3)**

| | | |
|---|---|---|
| | 1. *Dumpers* magħmula għall-użu 'l barra mit-triq: | |
| 1.041.001 | 1.1 *Dumpers* ta' piż ħafif: | |
| 1.041.002 | 2.1.1 ġodda ……………………..……………….. | 0% |
| 1.041.003 | 2.1.2 użati ……..……….………………………..…. | 0% |
| 1.042.001 | 1.2 Oħrajn: | |
| 1.042.010 | 1.2.1 *Chassis* iffittjati b'makna u kabina ……... | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,447 għal kull vettura |
| 1.042.020 | 1.2.2 Oħrajn ……………………......…………… | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,750 għal kull vettura |
| | 2. Oħrajn (petrol, *diesel* jew oħrajn): | |
| 1.043.000 | 2.1 Piż gross tal-vettura ta' mhux aktar minn 3.5 tunnellati: | |
| 1.043.001 | 2.1.1 *Chassis* iffittjati b'makna u kabina | |
| 1.043.010 | 2.1.1.1 Ġodda ……………………..…… | 57.5% |
| 1.043.020 | 2.1.1.2 Oħrajn ………………..……….. | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,447 għal kull vettura |
| 1.043.030 | 2.1.2 Oħrajn: | |
| 1.043.040 | 2.1.2.1 Ġodda …………….…………… | 57.5% |
| 1.043.050 | 2.1.2.2 Oħrajn: | |
| 1.043.051 | 2.1.2.2.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |
| 1.043.052 | 2.1.2.2.1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura ……….............. | 10.5% iżda mhux inqas minn €629 għal kull vettura |

| | | |
|---|---|---|
| 1.043.053 | 2.1.2.2.1.2 vetturi ta’ 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura | 28.5% iżda mhux inqas minn €1,712 għal kull vettura |
| 1.043.054 | 2.1.2.2.2 oħrajn ………..………….. | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,447 għal kull vettura |
| 1.044.000 | 2.2. Piż gross tal-vettura aktar minn 3.5 tunnellati iżda ta’ mhux aktar minn 5 tunnellati: | |
| 1.044.010 | 2.2.1 *Chassis* iffittjati b’makna u kabina | |
| 1.044.020 | 2.2.1.1 Ġodda ……..……………………. | 57.5% |
| 1.044.030 | 2.2.1.2 Oħrajn ………………..…………. | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,447 għal kull vettura |
| 1.044.040 | 2.2.2 Oħrajn: | |
| 1.044.050 | 2.2.2.1 Ġodda ……………………………. | 57.5% |
| 1.044.060 | 2.2.2.2 Oħrajn: | |
| 1.044.061 | 2.2.2.2.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |
| 1.044.062 | 2.2.2.2.1.1 vetturi ta’ 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura ……….............. | 10.5% iżda mhux inqas minn €629 għal kull vettura |
| 1.044.063 | 2.2.2.2.1.2 vetturi ta’ 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura | 28.5% iżda mhux inqas minn €1,712 għal kull vettura |
| 1.044.064 | 2.2.2.2.2 oħrajn ………..………….. | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,447 għal kull vettura |
| 1.045.000 | 2.3 Piż gross tal-vettura aktar minn 5 tunnellati iżda ta’ mhux aktar minn 12 tunnellati: | |
| 1.045.001 | 2.3.1 *Chassis* iffittjati b’makna u kabina: | |

| | | |
|---|---|---|
| 1.045.011 | 2.3.1.1 Ġodda………………….………….. | 24% |
| 1.045.020 | 3.3.1.2 Oħrajn………………….…………. | 57.5% iżda mhux inqas minn €3,447 għal kull vettura |
| 1.045.030 | 2.3.2 Oħrajn: | |
| 1.045.041 | 2.3.2.1 Ġodda…………………………..… | 24% |
| 1.045.050 | 2.3.2.2 Oħrajn: | |
| 1.045.051 | 2.3.2.2.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |
| 1.045.052 | 2.3.2.2.1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura ………. | 10.5% iżda mhux inqas minn €1,258 għal kull vettura |
| 1.045.053 | 2.3.2.2.1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura | 28.5% iżda mhux inqas minn €3,424 għal kull vettura |
| 1.045.054 | 2.3.2.1.2 oħrajn ……….……….. | 57.5% iżda mhux inqas minn €6,895 għal kull vettura |
| 1.046.000 | 2.4 Piż gross tal-vettura aktar minn 12 tunnellati: | |
| 1.046.001 | 2.4.1 *Chassis* iffittjati b'makna u kabina: | |
| 1.046.011 | 2.4.1.1 Ġodda …………………………….…… | 24% |
| 1.046.020 | 2.4.1.2 Oħrajn …………………………….…… | 57.5% iżda mhux inqas minn €4,403 għal kull vettura |
| 1.046.030 | 2.4.2 Oħrajn: | |
| 1.046.041 | 2.4.2.1 Ġodda …………………………….……… | 24% |
| 1.046.050 | 2.4.2.2 Oħrajn: | |
| 1.046.051 | 2.4.2.2.1 vetturi *classic*, *vintage* u *veteran* ċertifikati bħala awtentiċi minn korp approvat mill-Awtorità: | |

| | | |
|---|---|---|
| 1.046.052 | 2.4.2.2.1.1 vetturi ta' 50 sena jew aktar mid-data tal-manifattura ………............... | 10.5% iżda mhux inqas minn €1,363 għal kull vettura |
| 1.046.053 | 2.4.2.2.1.2 vetturi ta' 35 sena jew aktar iżda anqas minn 50 sena mid-data tal-manifattura ……………. | 28.5% iżda mhux inqas minn €3,692 għal kull vettura |
| 1.046.054 | 2.4.2.2.2 oħrajn ………………….. | 57.5% iżda mhux inqas minn €6,895 għal kull vettura |
| | 3. Oħrajn (esklużi vetturi elettriċi): | |
| 1.047.010 | 3.1 *Chassis* iffittjati b'makna u kabina ……………….... | 57.5% |
| 1.047.020 | 3.2 Vetturi ta' struttura unitarja (*monocoque*) iffittjati b'makna u *body* li jikkonsisti biss f'kabina tas-sewwieq u fi pjattaforma ta' wara mingħajr armar .... | 57.5% |
| 1.047.030 | 3.3 Oħrajn: | |
| 1.047.040 | 3.3.1 Ġodda……………………………………… | 57.5% |
| 1.047.050 | 3.3.2 Oħrajn ……………………………………... | 57.5% iżda mhux inqas minn €7,431 għal kull vettura |
| 1.047.060 | 3.3.3. *Tipper trucks* ġodda, b'piż gross ta' aktar minn 5 tunnellati ………………..………… | 0% |
| 1.047.070 | 3.3.4 *Refuse disposal trucks* ġodda b'piż gross ta' aktar minn 5 tunnellati …..…………………... | 0% |
| 1.047.080 | 3.3.5. *Road tankers* u *bowsers* ġodda, b'piż gross ta' aktar minn 5 tunnellati ……….....… | 0% |
| 1.048.000 | 4. Vetturi elettriċi: | |
| 1.048.010 | 4.1 vetturi elettriċi misjuqa bil-batterija …………..… | 0% |
| 1.048.020 | 4.2 vetturi elettriċi ibridi bil-petrol (jew *diesel*) …..…. | 16.5% |

## Kategorija D – *Tractors*

| | | |
|---|---|---|
| 1.011.000 | 1. *Tractors* ikkontrollati minn min ikun miexi magħhom ……... | 0% |
| 1.012.000 | 2. *Tractors* stradali għal *semi-trailers* …...................………… | 0% |
| 1.013.000 | 3. *Track-laying tractors* …......................………………...……… | 0% |
| 1.014.000 | 4. Oħrajn …....................…………………………………………… | 0% |

**Kategorija E - Vetturi b'għan speċjali** (per eżempju, *tractor* biex jiġbed l-arjuplani, *asphalt finisher*, *baby kart, backhoe loader bulldozer*, trasportatur tal-karozzi, vettura li tbattal il-fosos, *cherry picker*, *con mixer* b'*hiab*, *mixer* tal-konkos, pompa tal-konkos, *core cutter*, *crane*, *crew cab*, *dental bus*, makna *digger drilling*, pjattaforma li tgħolli, eskavatur, vettura tat-tifi tan-nar, trakk *fork-lift*, gradatur, *hook loader*, kjosk tal-ġelati, *ice resurfacer*, vettura b'sellum, vettura biex jinżebgħu l-linji, vettura b'pala ta' tagħbija, *midibus* b'pala mekkanika, makna li titħan, vettura b'pala żgħira, ċinematografu mobbli, ġeneratur mobbli, kjosk mobbli, laboratorju mobbli, *workshop* mobbli, makna li taqta' l-ħaxix, *recovery truck*, *recovery vehicle*, vettura li twitti t-triq, *road scarifier*, *road surfacer,* vettura li tiknes it-triq, pjattaforma b'*scissor lift*, *skid steer loader,* vettura li twarrab il-borra, *station tractor*, vettura li tnaddaf, *tail-lift*, *sprayer* ta' l-asfalt, trakk b'lift idrawliku, trakk ta' l-irmonk, trakk ta' l-irmonk b'*hiab*, *tower ladder, tower wagon*, *tractor* eskavatur, vettura li tħaffer it-trinek, trakk b'*workshop*, *tug master,* trakk *vacuvator*, *wheel loader*, makna ta' l-*x-ray*): ……………………………..........................................…0%

Fil-każijiet kollha l-vettura ma għandhiex tkun vettura li ġġorr il-merkanzija.

### Vetturi bil-mutur oħrajn

| | | |
|---|---|---|
| 1.091.000 | Trakkijiet tax-xogħol, *self-propelled*, mhux iffitjati b'tagħmir għall-irfiegħ jew tqandil, tat-tipi wżati fil-fabbriki, imħażen, arei tad-dokk jew arjuporti għat-trasport ta' oġġetti f'distanzi qosra; *tractors* tat-tip użati fuq pjattaformi ta' l-istazzjonijiet tal-ferrovija; partijiet tal-vetturi msemmija hawn fuq ............................................................... | 0% |
| 1.101.000 | Tankijiet u vetturi oħra armati għall-ġlied, motorizzati, sew jekk iffitjati bl-armi jew le, u partijiet ta' dawn il-vetturi ........................... | 0%". |

Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda ta' l-Att prinċipali.

**30.** It-Tieni Skeda ta' l-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

## "IT-TIENI SKEDA
## (L-artikolu 6)

### Taxxa ta' reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq reġistrazjoni ta' vetturi M1 u kwadriċikletti (inklużi vetturi elettriċi u vetturi elettriċi ibridi)

L-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas fuq reġistrazzjoni ta' vetturi M1, kemm ġodda jew użati, ta' *motor cycles* u ta' *quad bikes*, għandu jkun skond it-tabelli li ġejjin:

*Vetturi M1*

### B'makna petrol

| $CO_2$ | Rata | Tul | Rata |
|---|---|---|---|
| **0g/km sa u inklużi 100g/km** | $CO_2$ x VR x 0.13% | **0 sa u inklużi 3450mm** | tul x VR x 0.0020% |
| **Aktar minn 100g/km sa u inklużi 130g/km** | $CO_2$ x VR x 0.15% | **Aktar minn 3450mm sa u inklużi 3640mm** | tul x VR x 0.0022% |
| **Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km** | $CO_2$ x VR x 0.17% | **Aktar minn 3640mm sa u inklużi 3770mm** | tul x VR x 0.0024% |
| **Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km** | $CO_2$ x VR x 0.19% | **Aktar minn 3770mm sa u inklużi 4030mm** | tul x VR x 0.0026% |
| **Aktar minn 150g/km sa u inklużi180g/km** | $CO_2$ x VR x 0.21% | **Aktar minn 4030mm sa u inklużi 4370mm** | tul x VR x 0.0028% |
| **Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km** | $CO_2$ x VR x 0.23% | **Aktar minn 4370mm sa u inklużi 4570mm** | tul x VR x 0.0030% |
| **Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.25% | **Aktar minn 4570mm sa u inklużi 4770mm** | tul x VR x 0.0032% |
| **Aktar minn 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.27% | **Aktar minn 4770mm** | tul x VR x 0.0034% |

### B'makna *diesel* b'materja partikolata ta' 0g/km sa u inklużi 0.005g/km

| $CO_2$ | Rata | Tul | Rata |
|---|---|---|---|
| **0g/km sa u inklużi 100g/km** | $CO_2$ x VR x 0.13% | **0 sa u inklużi 3450mm** | tul x VR x 0.0020% |
| **Aktar minn 100g/kmsa u inklużi 130g/km** | $CO_2$ x VR x 0.15% | **Aktar minn 3450mm sa u inklużi 3640mm** | tul x VR x 0.0022% |
| **Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km** | $CO_2$ x VR x 0.17% | **Aktar minn 3640mm sa u inklużi 3770mm** | tul x VR x 0.0024% |
| **Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km** | $CO_2$ x VR x 0.19% | **Aktar minn 3770mm sa u inklużi 4030mm** | tul x VR x 0.0026% |
| **Aktar minn 150g/km sa u inklużi 180g/km** | $CO_2$ x VR x 0.21% | **Aktar minn 4030mm sa u inklużi 4370mm** | tul x VR x 0.0028% |
| **Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km** | $CO_2$ x VR x 0.23% | **Aktar minn 4370mm sa u inklużi 4570mm** | tul x VR x 0.0030% |
| **Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km** | 0.25% x $CO_2$ x VR | **Aktar minn 4570mm sa u inklużi 4770mm** | tul x VR x 0.0032% |
| **Aktar minn 250g/km** | 0.27% x $CO_2$ x VR | **Aktar minn 4770mm** | tul x VR x 0.0034% |

## B’makna *diesel* b’materja partikolata ta’ aktar minn 0.005g/km iżda ta’ mhux aktar minn 0.025g/km

| $CO_2$ | Rata | Tul | Rata |
|---|---|---|---|
| **0g/km sa u inklużi 100g/km** | $CO_2$ x VR x 0.18% | **0 sa u inklużi 3450mm** | tul x VR x 0.0020% |
| **Aktar minn 100g/km sa u inklużi 130g/km** | $CO_2$ x VR x 0.21% | **Aktar minn 3450mm sa u inklużi 3640mm** | tul x VR x 0.0022% |
| **Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km** | $CO_2$ x VR x 0.24% | **Aktar minn 3640mm sa u inklużi 3770mm** | tul x VR x 0.0024% |
| **Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km** | $CO_2$ x VR x 0.27% | **Aktar minn 3770mm sa u inklużi 4030mm** | tul x VR x 0.0026% |
| **Aktar minn 150g/km sa u inklużi 180g/km** | $CO_2$ x VR x 0.29% | **Aktar minn 4030mm sa u inklużi 4370mm** | tul x VR x 0.0028% |
| **Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km** | $CO_2$ x VR x 0.32% | **Aktar minn 4370mm sa u inklużi 4570mm** | tul x VR x 0.0030% |
| **Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.35% | **Aktar minn 4570mm sa u inklużi 4770mm** | tul x VR x 0.0032% |
| **Aktar minn 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.38% | **Aktar minn 4770mm** | tul x VR x 0.0034% |

## B’makna *diesel* b’materja partikolata ta’ aktar minn 0.025g/km iżda ta’ mhux aktar minn 0.035g/km

| $CO_2$ | Rata | Tul | Rata |
|---|---|---|---|
| **0g/km sa u inklużi 100g/km** | $CO_2$ x VR x 0.20% | **0 sa u inklużi 3450mm** | tul x VR x 0.0020% |
| **Aktar minn 100g/km sa u inklużi 130g/km** | $CO_2$ x VR x 0.23% | **Aktar minn 3450mm sa u inklużi 3640mm** | tul x VR x 0.0022% |
| **Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km** | $CO_2$ x VR x 0.26% | **Aktar minn 3640mm sa u inklużi 3770mm** | tul x VR x 0.0024% |
| **Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km** | $CO_2$ x VR x 0.29% | **Aktar minn 3770mm sa u inklużi 4030mm** | tul x VR x 0.0026% |
| **Aktar minn 150g/km sa u inklużi 180g/km** | $CO_2$ x VR x 0.32% | **Aktar minn 4030mm sa u inklużi 4370mm** | tul x VR x 0.0028% |
| **Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km** | $CO_2$ x VR x 0.35% | **Aktar minn 4370mm sa u inklużi 4570mm** | tul x VR x 0.0030% |
| **Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.38% | **Aktar minn 4570mm sa u inklużi 4770mm** | tul x VR x 0.0032% |
| **Aktar minn 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.41% | **Aktar minn 4770mm** | tul x VR x 0.0034% |

## B'makna *diesel* b'materja partikolata ta' aktar minn 0.035g/km

| $CO_2$ | Rata | Tul | Rata |
|---|---|---|---|
| **0g/km sa u inklużi 100g/km** | $CO_2$ x VR x 0.21% | **0 sa u inklużi 3450mm** | tul x VR x 0.0020% |
| **Aktar minn 100g/km sa u inklużi 130g/km** | $CO_2$ x VR x 0.24% | **Aktar minn 3450mm sa u inklużi 3640mm** | tul x VR x 0.0022% |
| **Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km** | $CO_2$ x VR x 0.27% | **Aktar minn 3640mm sa u inklużi 3770mm** | tul x VR x 0.0024% |
| **Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km** | $CO_2$ x VR x 0.30% | **Aktar minn 3770mm sa u inklużi 4030mm** | tul x VR x 0.0026% |
| **Aktar minn 150g/km sa u inklużi 180g/km** | $CO_2$ x VR x 0.34% | **Aktar minn 4030mm sa u inklużi 4370mm** | tul x VR x 0.0028% |
| **Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km** | $CO_2$ x VR x 0.37% | **Aktar minn 4370mm sa u inklużi 4570mm** | tul x VR x 0.0030% |
| **Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.40% | **Aktar minn 4570mm sa u inklużi 4770mm** | tul x VR x 0.0032% |
| **Aktar minn 250g/km** | $CO_2$ x VR x 0.43% | **Aktar minn 4770mm** | tul x VR x 0.0034% |

### *Taxxa applikabbli minima għal vetturi użati M1 u kwadriċikletti (inklużi vetturi elettriċi u vetturi elettriċi ibridi) importati minn pajjiżi terzi skond l-artikolu 6(2) ta' dan l-Att*

| **Żmien tal-vettura (snin)*** | **0** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **$CO_2$** | | | | | | € | € | € |
| 0g/km sa u inklużi 100g/km | | | | | | 1,500 | 1,680 | 1,882 |
| Aktar minn 100g/km sa u inklużi 130g/km | | | | | | 1,800 | 2,016 | 2,258 |
| Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km | | | | | | 2,000 | 2,240 | 2,509 |
| Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km | | | | | | 3,500 | 3,920 | 4,390 |
| Aktar minn 150g/km sa u inklużi 180g/km | | | | | | 4,000 | 4,480 | 5,018 |
| Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km | | | | | | 7,000 | 7,840 | 8,781 |
| Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km | | | | | | 12,000 | 13,440 | 15,053 |
| Aktar minn 250g/km | | | | | | 13,500 | 15,120 | 16,934 |

| Żmien tal-vettura (snin) | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14+ | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $CO_2$ | € | € | € | € | € | € | € | |
| 0g/km sa u inklużi 100g/km | 2,107 | 2,360 | 2,644 | 2,961 | 3,316 | 3,714 | 4,160 | |
| Aktar minn 100g/km sa u inklużi 130g/km | 2,529 | 2,832 | 3,172 | 3,553 | 3,979 | 4,457 | 4,992 | |
| Aktar minn 130g/km sa u inklużi 140g/km | 2,810 | 3,147 | 3,525 | 3,948 | 4,421 | 4,952 | 5,546 | |
| Aktar minn 140g/km sa u inklużi 150g/km | 4,917 | 5,507 | 6,168 | 6,908 | 7,737 | 8,666 | 9,706 | |
| Aktar minn 150g/km sa u inklużi 180g/km | 5,620 | 6,294 | 7,049 | 7,895 | 8,843 | 9,904 | 11,092 | |
| Aktar minn 180g/km sa u inklużi 220g/km | 9,834 | 11,015 | 12,336 | 13,817 | 15,475 | 17,332 | 19,412 | |
| Aktar minn 220g/km sa u inklużi 250g/km | 16,859 | 18,882 | 21,148 | 23,686 | 26,528 | 29,712 | 33,277 | |
| Aktar minn 250g/km | 18,967 | 21,243 | 23,792 | 26,647 | 29,844 | 33,426 | 37,437 | |

***** *Iż-żmien tal-vettura huwa ż-żmien tal-vettura mid-data tal-manifattura***

***Vetturi bil-mutur użati li jkunu nġiebu jew li jkunu ġew impurtati jew ġew ordnati minn bejjiegħa tal-vetturi awtorizzati qabel it-3 ta' Novembru 2008, iżda li kienu għadhom ma ġewx reġistrati qabel l-1 ta' Jannar, 2009, għandhom ikunu eżentati minn dawn ir-rati minimi ta' taxxa kemm-il darba dawk il-vetturi jiġu reġistrati sal-31 ta' Diċembru, 2009.***

## *Motor cycles*

| Qawwa tal-makna | |
|---|---|
| **Mhux aktar minn 50cc** | cc x VR x 0.058% |
| **Aktar minn 50cc iżda ta' mhux aktar minn 125cc** | cc x VR x 0.059% |
